V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11187 - MITSUI / CELANESE / NUTRINOVA JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 285/07)

1. Fis-27 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsui & Co., Ltd, ("Mitsui", il-Ġappun),

— Celanese Corporation ("Celanese", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Nutrinova B.V. ("Nutrinova JV", in-Netherlands), ikkontrollata minn Celanese.

Mitsui u Celanese jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Nutrinova JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma dawn li ġejjin:

— Mitsui hija kumpanija tal-kummerċ, tal-ġestjoni tan-ngozju u ta' żvilupp ta' proġetti attiva f'diversi setturi, inklużi kimiċi bażiċi, kimiċi ta' prestazzjoni, u riżorsi tal-ikel.

— Celanese hija produttur globali ta' polimeri b'inġinerija ta' prestazzjoni għolja li jintużaw f'varjetà ta' applikazzjoni ta' valur għoli, kif ukoll prodotti tal-aċetil, li huma użati bħala kimiċi għall-industriji kbar.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża fil-mira huma:

— il-produzzjoni u l-provvista tal-ħlewwa aċesulfam tal-potassju ("Ace-K"), tal-preservattivi sorbat tal-potassju u l-aċidu sorbiku, u sulfat tal-ammonju, li huwa użati bħala fertilizzant u għall-produzzjoni tal-insulazzjoni.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11187 - MITSUI / CELANESE / NUTRINOVA JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.